VERŻJONI ELETTRONIKA

Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta Nru. 19,915, 6 ta' Diċembru, 2017
Taqsima B

A.L. 342 tal-2017

ATT DWAR IT-TAXXA FUQ DOKUMENTI U TRASFERIMENTI (KAP. 364)

Ordni tal-2017 li jemenda l-Ordni dwar Eżenzjoni mit-Taxxa għall-Finijiet tal-Artikolu 23

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija lilu bl-artikolu 23 tal-Att dwar it-Taxxa fuq Dokumenti u Trasferimenti, il-Ministru għall-Finanzi għamel dan l-Ordni li ġej:-

Titolu. L.S. 364.12.

1. It-titolu ta' dan l-Ordni hu l-Ordni tal-2017 li jemenda l-Ordni dwar Eżenzjoni mit-Taxxa għall-Finijiet tal-Artikolu 23, u dan l-Ordni għandu jinqara' u jinftiehem ħaġa waħda mal-Ordni dwar Eżenzjoni mit-Taxxa għall-Finijiet tal-Artikolu 23, hawn iżjed 'il quddiem imsejjaħ "l-ordni prinċipali".

Jemenda l-artikolu 4 tal-ordni prinċipali.

2. Fl-artikolu 4 tal-ordni prinċipali minflok il-kliem "(a) l-avviż dwar il-konvenju relattiv tal-imsemmi trasferiment jingħata lill-Kummissarju tat-Taxxi fi jew wara t-18 ta' Ottubru 2016 iżda qabel l-1 ta' Jannar 2018; (b) l-avviż dwar l-att finali relattiv tal-imsemmi trasferiment jingħata lill-Kummissarju tat-Taxxi sal-31ta' Diċembru 2018;" għandhom jiġu sostitwiti bil-kliem "(a) l-avviż dwar il-konvenju relattiv tal-imsemmi trasferiment jingħata lill-Kummissarju tat-Taxxi fi jew wara t-18 ta' Ottubru 2016; (b) L-att finali relattiv tal-imsemmi trasferiment għandu jsir sal-31ta' Diċembru 2018 u l-avviż dwar l-att finali relattiv tal-imsemmi trasferiment jingħata lill-Kummissarju tat-Taxxi sat-28 ta' Frar 2019;".